MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1081/2005

**Atlas Insurance Limited ( C15239), kif surrogata fid-drittijiet tal-asskikurat taghha Mariano Dimech u l-istess Mariano Dimech (ID229872M)**

**vs**

**Aaron Mascena (ID54384M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-kundanna tal-konevnut ghal rosarciment ta' danni fl-ammont ta' tlett mija disgha u sebghin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmi (LM379.72). (tlett mija erbgha u hamsin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmi (LM354.72) lis-socjeta' attrici u hamsa u ghoxrin Lira Malitn (Lm25.00) lil Mariano Dimech Dok. ZM1-ZM4), minnu kkagunati u minnhom sborsati bhala konsegwneza ta' incident awtomobilistiku li gara Kirkop (zona tal-parkegg ta' Multigas Limited) meta waqt li l-konvenut kien qed iregga' lura vettura numru ta'

registrazzjoni IOB-979 habat mall-vettura numru ta' registrazzjoni MAR-874 porprjeta' tal-attur Mariano Dimech (DOkZM5) ghall-liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra legali tat-30 ta' Awissu, 2004 tal-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment ma dan l-Att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-ligijiet ta' Malta u l-imghax legali b'effett mit-12 ta' April, 2005 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn isolleva lli t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-incident in kwistjoni gara tort tas-sewwieq Mariano Dimech u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza  u ha konjizzjoni taghhom;

Ra  x-xhieda ta'  Denise Formosa Gruppetta u Aaron Mascena.
Aaron Mascena;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal rizarcimemnt ta' danni fl-ammont ta' tlett mija erbgha u hamsin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmi (LM354.72), bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku waqt illi l-konvenut allegatament kien qieghed jirriversa u laqghat il-vettura numru ta' registrazzjoni MAR-874 proprjeta' ta' Mariano Dimech u misjuqa minn Mariella Dimech.

Illi Densie Formosa Gruppetta, Legal Data Coordinator tal-Vodafone Limited  ipproduciet '*print out'*  tal-messaggi

li kien hemm fuq *mobile phone* numru 9946 4598 appartenenti lill-konvenut.

Jidher illi ntbaghatu diversi messaggi minn mobile bin-numru 9946 4598 fejn kien hemm l-kliem “Kien maghluq Mar, hi issa nipprova nitla’ t-tnejn ok,’ messagg iehor ‘ w Mar jiena intihelk il-karta meta trid imma llum ma nistax. Hares jien mortlok biex nixtrilek il-parts,’ ‘Hares mar, jiena l-karta intijelk imma mhux ha nimilja ta. Intik id-dettalji tieghi u kollox. Jiena ha nirranaghielek ibqa’ fuq kliemi.’ ‘Le ghax mhux worth indahhal l-insurance qed tifhem ok mela ghada ingibilek hija,’ ‘…. Jkolli l parts nghidlek huda ghand il-panel beater u naghmluha. Imma jiena mhux ha ndahhal l-insurance.’

Skond ix-xhieda tal-konvenut, hu u Mariella Dimech is-sewwieqa tal-vettura numru ta’ registrazzjoni MAR-874 kienu jafu lil xulxin peress illi kienu jahdmu flimkien. Hu jghid illi is-sewwieqa kienet tinghatlu messaggi sabiex jirrangaw il-karti.

Jidher mix-xhieda dokumentali *tal-print out* tal-messagi illi kien hemm tentattivi minn naha tal-konvenut Mascena, proprjetarju *tal-mobile* bin-numru 9946 4598 sabiex jagmel tajjeb ghal xi hsarat u li ma riedx idahhal lil *insurance* tieghu peress illi skond kliemu ma kienx *‘worth it.’*

Skond ix-xhieda ta’ Mascena hu kien qieghed jirriversja fil-waqt illi s-sewwieqa tal-vettura numru ta’ registrazzjoni MAR-874 kienet hierga minn *go parking area*, izda hu jghid illi qatt ma kien ammetta t-tort tal-incident. Mascena jghid ukoll llli *l’front to rear’* form tal-incident kienu imlewa flimkien, ffirmaha u qabel maghha.

Fil-fehma tat-Tribunal il-formola ‘front to rear’ maqbula u ffirmata miz-zewg partijiet tispjega illi ic-cirkostanzi tal-incident kienu lli waqt il-vettura misjuqa minn Aaron Mascena li ggib numru ta’ registrazzjoni IOB-979 kienet qed tirriversja, din il-vettura habtet mall-quddiem tal-vettura numru ta’ registrazzjoni MAR-874.

Skond ir-regolamenti tas-sewqan tat-traffiku is-sewwieq ta’ vettura li tkun qieghda tirriversja ghandha zzomm ‘*a proper lookout.’* Ghalhekk ir-responsabbilita’ tal-manuvra tall-irriversjar taqa’ fuq min qieghed jirriversja, li f’dan il-kaz kien il-konvenut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas s-somma ta’ tlett mija, disgha usebghin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmi ( LM379.72) lill-atturi, in kwantu ghall-tlett mija erbgha u hamsin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmi (LM354.72) lis-socjeta’ attrici u hamsa u ghoxrin Lira Maltin LM25 lil Mariano Dimech, bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------